**8 ta' Mejju, 1967**

**Imħallfin**

**S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D. — President**

**Onor. Prof. J.J. Cremona, K.M., LL.D., B.A., D.Litt. (Rome), B.A., Hons. (Lond.), Ph.D. (Lond.), F.R.Hist.S. — Viċi-President**

**Onor. J. Flores, B.L. Can., LL.D.**

Michel'Angelo Zammit et

*versus*

Carmelo Agius et

**Kawża — Ammissjoni ta' — Ċessjoni ta' — Konvenju.**

*L-attur jista jagħmel ċessjoni pura u sempliċi ta' l-atti ta' kawża anke mingħajr il-kunsens ta' l-konvenuti. Il-konvenuti ma jistgħux bl-ammissjoni tagħhom sussegwenti jostakolaw dak id-dritt biex b'hekk iżommu ħaj konvenju li jkun skada.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tagħha r-Reġina li bih l-atturi wara li ppremettew *li bejn il-kontendenti kien hemm kawża fejn il-konvenuti* Agius, Camilleri u Grima nomine ħarrku lill-atturi Zammit u Sciberras, biex jiġu kundannati jadivienu għall-kuntratt ta' konċessjoni enfitewtika ta' biċċa art Buġibba limiti ta' S. Pawl il-Baħar, skond il-ftehim tad-disa' u għoxrin ta' April, 1965, *kif kien ġie prorogat,* u *li l-atturi Zammit u* Sciberras b'nota tad-9 ta' Jannar 1967 irtiraw l-eċċezzjonijiet li taw filbidu, u ammettew id-domandi, u li l-konvenuti Agius, Camilleri u Grima nomine b'nota oħra tal-istess ġurnata ċedew l-atti tal-kawża fuq imsemmija (N. 502/1965) mingħajr ma ġiet l-istess ċessjoni magħmula bil-kunsens tal-atturi Zammit u Sciberras, u b'hekk ivvjolaw li stat ta' kważi kuntratt ġudizjali li kien hemm bejn il-kontendenti, talbu li — prevja d-dikjarazzjoni li *b'dik in-nota ta' ċessjoni l-konvenuti ma* kellhomx dritt jippreġudikaw id-dritti tal-atturi Zammit u Sciberras biex jiġi pubblikat il-kuntratt tal-konċessjoni enfitewtika fuq imsemmija u prevja kwalunkwe dikjarazzjoni opportuna u wara li jiġu mogħtija l-provvedimenti meħtieġa; il-konvenuti jiġu kundannati jaddivienu għall-kuntratt ta' konċessjoni enfitewtika favur l-atturi tal-imsemmija biċċa art fabbrikabbili, biċ-ċens annwu, u kondizzjonijiet miftehma bl-iskrittura tad-29 ta' April, 1965, billi *jiġi destinat il-jum, ħin, u lok tal-*istess kuntratt li jiġi pubblikat min-Nutar li dina l-Qorti tagħżel, u bl-intervent ta' kuraturi għall-kontumaċi. Bl-ispejjeż talġudizzju, kompriżi dawk tal-protest tat-12 ta' Jannar, 1967, u salvi azzjonijiet oħra tal-atturi għad-danni.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti li biha qalu li t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt peress li huma (l-eċċipjenti) *ma humiex tenuti fil-liġi jersqu għall-kun-*tratt ta' konċessjoni enfitewtika tal-arti in kwistjoni;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tas-7 ta' Marzu, 1967 li

biha ċahdet id-domandi attriċi bl-ispejjeż kontra l-atturi, wara li kkunsidrat —

Omissis.

Rat in-nota tal-appell tal-atturi u l-petizzjoni tagħhom li biha talbu illi l-imsemmija sentenza tiġi revokata u t-talba tagħhom akkolta bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti appellati.

Rat ir-risposta tal-konvenuti li biha qalu illi s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma u konsegwentement l-appell għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż kontra l-appellanti.

Rat l-atti kollha tal-kawża, semgħet it-trattazzjoni u kkunsidrat —

Illi fit-trattazzjoni quddiem din il-Qorti l-appellanti bdew *biex jirriferixxu għal ċertu allegat element ta' malafede fl-aġir* tal-appellati; dan però b'ebda mod ma jirriżulta mill-attijiet tal-kawża in kwantu ma tressqu assolutament ebda provi u lanqas del resto m'hemm ebda riferenza għal dan l-element fl-istess ċitazzjoni,fi kwalunkwe każ naturalment salva dejjem il-kwistjoni tar-rilevanza għall-finijiet tal-preżenti ġudizzju kif propost. L-appellanti talbu wkoll li f'dan li stadju jinstema xhud fuq l-aġir tal-konvenuti appellati, imma dan ix-xhud kien sa mill-bidu magħruf lill-istess appellanti tant li kienu indikawh fid-dikjarazzjoni annessa maċ-ċitazzjoni u b'danakollu, skond il-verbal reġistrat a fol. 8 tal-proċess, "id-difensuri qablu illi si tratta ta' kwistjoni ta' dritt u ttrattaw dan il-pont" u l-kawża mbagħad baqgħet kif jirriżulta mill-istess verbal, għas-sentenza. Fiċ-ċirkostanzi għalhekk din il-Qorti ma setgħetx tammetti s-smiegħ ta' dan ix-xhud.

Illi l-aggravju tal-appellanti hu essenzjalment impernjat

fuq l-assunt illi l-konvenuti appellati ma setgħux validament fil-kawża l-oħra (fejn kienu *atturi*) *jirrinunzjaw* għall-attijiet tal-kawża ġa minnhom mibdija, għall-avolja r-rinunzja kienet pura u sempliċi, mingħajr l-aċċettazzjoni tal-istess appellanti *odjerni* (konvenuti f'dik il-kawża). Dan però fis-sistema tagħna, hi x'inhi l-posizzjoni f'sistemi oħrajn (ara per eżempju *l-artikoli 343/345 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili taljan abrogat*) ma jreġix in kwantu mill-artikoli 909-911 tal-Kap. 15 toħroġ leġittima, kif dejjem ġie ritenut fil-ġurisprudenza tagħna, il-*konklużjoni* li r-rinunzja għall-attijiet tal-kawża, sakemm din ir-rinunzja tkun pura u sempliċi u mhux kondizzjonata, *tiddependi* unikament mill-*volontà tal-attur* u l-konvenut ma jistax ma jaċċettahiex, salv dejjem l-obbligu tal-attur *rinunzjanti li jħallas l-ispejjeż* (*Koll. Vol. IV, 32, Vol. VII, 428, Vol. VIII*, 161, Vol. XVIII, iii, 100, Vol. XXIV, *ii*, 88, Vol. XXVIII iii, 737 u Vol. XXXVIII i, 137). Kif intqal mill-Qrati tagħna (ara Koll. Vol. XVIII, *iii*, 100) ir-"*ratio*" ta' dan l-ordinament magħżul mil-liġi tagħna hu li hekk kif jiddependi mill-attur *jistitwix* il-ġudizzju jew le hekk ukoll minnu stess jiddependi ikompliex jew iwaqqfux fi kwalunkwe stadju qabel is-sentenza definitiva.

*Illi* fil-każ preżenti m'hemmx dubju li r-rinunzja kienet pura u sempliċi u magħmula qabel l-ammissjoni tal-parti l-*oħra* u għalhekk kienet *pienament operativa*. Fil-fehma tal-Qorti hi fil-każ preżenti inattendibbli mhux biss fid-dritt imma anki fil-loġika l-proposizzjoni li ultimament l-appellanti jridu sanzionata, ammontanti sostanzjalment *għal* dan li bl-istess azzjoni intentata kontra tagħhom innfishom, fondata fuq l-*inadempiment* tagħhom stess, *huma* assiguraw li jinżamm fil-ħajja dritt li altrimenti kienu tilfu proprju in konsegwenza ta' l-istess inadempiment tagħhom.

Għal motivi premessi u dawk tal-ewwel Onorabbli Qorti din il-Qorti tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjeż kontra l-*atturi* appellanti.